# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Marzu 2002

Citazzjoni numru 934/01 AJM

Kawza numru

Gabriel u martu Josephine sive Guzeppa Parnis

Vs

Joseph u martu Giovanna Cucciardi

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta' Mejju 2001 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi f'okkazzjonijiet differenti, iddepozitaw ghand il-konvenuti s-somma komplessiva ta' tlett elef u mitt lira maltin (LM3,100) li sussegwentement gew iddepozitati fil-fergha ta' Hal-Qormi tal-Bank of Valletta plc f'isem il-konvenuti; illi l-konvenuti ghandhom ukoll fil-pussess taghhom diversi oggetti tad-deheb, li jappartjenu lill-atturi, fosthom sett tal-gawhar komplet, imsielet, labar, zewg crieket, gizirana, brazzuletta u arlogg tal-idejn; illi l-konvenuti qed jirrifjutaw li

jirrifondu lill-atturi s-somma ta'LM3100 kif ukoll l-oggetti kollha tad-deheb fuq imsemmija; talbu li din il-Qorti:-

1. tikkundannahom jirrifondu lill-atturi s-somma ta' LM3100 li gew depozitati ghandhom;
2. jikkonsenjaw lill-atturi l-oggetti kollha tad-deheb li jinsabu fil-pussess tal-konvenuti fuq imsemmija; u fin-nuqqas il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi l-ekwivalenti taghhom fi flus kontanti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri bonarji tas-7 ta' Frar 2001, tat-18 ta' Marzu 2001 u tat-8 ta' April 2001 u tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fl-10 ta' Settembru 2001 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li:

a) l-atturi qatt ma iddepozitaw flus ghand il-konvenuti kif minnhom iddikjarat;

b) l-atturi qatt ma ddepozitaw ghand il-konvenuti oggetti tad-deheb kif minnhom iddikjarat.

2. Illi minghajr pregudizzju il-konvenuti rrendew servigi lill-atturi bl-intiza tacita li ser jigu kkumpensati ghal tali servigi, servigi li talba ghal-likwidazzjoni taghhom qed issir rikonvenzjonalment, bil-konsegwenti tpacija.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat it-talba rikonvenzjonali fejn fil-waqt li gie premess illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni attrici sabiex jipproponu s-segwenti kontro talba taghhom a tenur ta' l-artikolu 396 Kap 12, in kwantu tali kontro talba gejja mill-istess fatt, u/jew kuntratt, u/jew titlu li minnhom gejjin it-talbiet attrici, kif ukoll ghaliex l-iskop tal-kontro talba huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-atturi jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni attrici jew li jimpedixxi l-effetti taghha; illi l-konvenuti atturi rikonvenzjonali rrendew servigi lill-atturi rikonvenuti, u dan matul perjodu ta' cirka tlett snin; illi dan sar bl-intiza li l-konvenuti ser jigu kumpensati adegwatament ghal tali servigi; talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti rrendew servigi lill-atturi u ghalhekk lil tali debituri lejn il-konvenuti fil-valur ta' tali servigi;
2. tillikwida u tordna l-hlas ta' kwantu dovut lill-konvenuti ai termini ta' l-ewwel talba.

Bl-ispejjes u bl-imghax bl-atturi msejjha minn issa in subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti rikonvenjenti.

Rat in-nota tal-eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro talba tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

1. illi t-talbiet tal-konvenuti kif kontenuti fil-kontro talba taghhom ghal tpacija tal-kreditu mitlub jammontaw ghall-ammissjoni da parti tal-istess konvenuti illi huma debituri tal-atturi rikonvenuti, skond it-talbiet attrici, peress li talba ghal tpacija necessarjament

timplika li hemm tnejn minn nies li huma debituri lejn xulxin u dana a tenur tal-artikolu 1196 tal-Kap 16.

2. Illi t-talbiet tal-konvenuti ghal tpacija tal-kreditu mitlub mill-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress illi:-

   a) Fl-ewwel lok it-tpacija tista' ssir biss fejn id-dejn hu likwidu u cert a tenur ta' l-artikolu 1197 tal-Kap 16 mentri fil-kontro talba odjerna qed jigi mitlub li l-konvenuti ghandhom jigu kumpensati ghal servigi rezi li "talba ghal-likwidazzjoni taghhom qed issir rikonvenzjonalment, bil-konsegwenti tpacija"

   b) It-tpacija ma ssirx meta jkun qed jintalab ir-radd ta' depozitu kif inhi t-talba attrici u dana a tenur tal-artikolu 1199 tal-Kap 16;

   c) Illi l-atturi rikonvenuti diga kkumpensaw adegwatament lill-konvenuti u ghalhekk l-ebda hlas mhu dovut ghal servigi rezi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-atturi rikonvenuti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2001 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-23 ta' Novembru 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Novembru 2001 meta l-attur talab provediment dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens illi l-kontro talba timplika ammissjoni. Dwar dan il-konvenut issottomettew li l-kontro talba taghhom ma tammontax ghall-ammissjoni izda fl-eventwalita' li jkun hemm xi ammont dovut jigi pacut minn kumpens ghas-servigi.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tat-8 ta' Frar 2002 meta l-konvenut ezebixxa kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta dwar l-ammissibilita' tal-kontro talba.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu rifuzjoni ta' flus u oggetti tad-deheb li huma allegatament iddepozitaw mall-konvenuti u li dawn issa qeghdin jirrifjutaw li jirritornaw. Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti cahdu b'mod kategoriku l-pretensjonijiet attrici billi qalu li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li dawn qatt ma ddepozitaw maghhom flus jew effetti tad-deheb. Fit-tieni eccezzjoni taghhom, jekk din tista' tissejjah hekk, il-konvenuti jghidu li huma rrendew servigi lill-atturi bl-intenzjoni li jigu kumpensati taghhom u ghalhekk kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet pprezentaw kontro talba ghal-likwidazzjoni tal-kumpens tas-servigi rezi sabiex kull ammont hekk likwidat jigi kumpensat ma' ammonti dovuti lill-atturi. In fatti fl-ewwel premessa tal-kontro talba l-konvenuti jghidu espressament li "*l-iskop tal-kontro talba huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-atturi jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni attrici jew li jimpedixxi l-effett taghha."*

L-artikolu 1197 tal-Kap 16 jiddisponi li tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli tal-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. L-element principali ghat-tpacija ghalhekk huwa l-ezistenza ta' debiti reciproci. Ghalhekk li titlob li tpaci l-kumpens dovut ghas-servigi rezi ma' kull ammont dovut lill-atturi, apparti l-possibilita' ta' kontro talba

f'cirkostanzi simili, ma jfisser xejn hlief rikonoxximent tal-ammont pretiz mill-kontro talba.

F'dan li stadju mhux qed tigi ezaminata l-kwistjoni jekk kontro talba fic-cirkostanzi hijiex ammissibbli jew le u ghalhekk proprjament s-sentenza citata mill-konvenuti ma ghandha ebda relevanza billi din titkellem biss dwar l-ammissibilita' ta' kontro talba. Apparti din is-sentenza l-konvenuti ma ghamlu ebda sottomissjoni biex jirribattu dak li qed jinghad mill-atturi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti hemm kontradizzjoni bejn dak li jinghad fl-eccezzjoni tal-konvenuti u l-kontro talba minnhom pprezentata billi ma tistax f'nifs wiehed tichad dak li qed jintalab mill-atturi bhala mhux veritjer u fl-istess hin tipprova tikkumpensa l-ammont reklamat ma' somma ohra da likwidarsi allegatament dovuta ghall-servigi rezi. Din il-kontradizzjoni fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Kap 16 dwar l-istitut ta' tpacija, jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti bil-kontro talba taghhom kienu effettivament qed jirrikonoxxu l-vaeracita' tat-talbiet attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro talba tal-konvenuti billi tiddikjara li bl-istess kontro talba u konsegwenti talba ghat-tpacija l-konvenuti stess cahdu l-ewwel eccezzjoni taghhom u fl-istess hin jammettew t-talbiet attrici.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri